L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 11 ta' Frar 2005

# Preferenzi bejn l-Ulied

Nahseb li Hitler qatt ma ssemma' fil-gurnali Maltin daqskemm issemma' dan l-ahhar. L-ewwelnett bil-prezenza ta' certu Norman Lowell li jahseb li ghax semplicement ghandu gilda bajda huwa xi esseri superjuri.

Ma jistax wiehed jinsa pero' li dan l-istess bniedem, fl-ahhar elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew, gab iktar min-nofs il-voti ta' certi kandidati tal-Partit Nazzjonalista.

Meta wiehed jahseb bil-mod professjonali li bih jahdem Partit Nazzjonalista bi storja ta' 125 sena u li dan il-kandidat imnebbah minn razzizmu sfrenat kien pjuttost wicc gdid, jidher li verament f'pajjizna qieghda tinbet zerriegha gdida ta' razzizmu. Izda dan l-ahhar rega' ssemma' r-razzizmu ghax proprju Kunsillier tal-Partit Nazznonalista relatat mal-Prim Ministru nnifsu, appoggja lil Norman Lowell.

Pero' b'certu tendenzi razzisti ma niskantax. Id-distakk minn mal-kontinent Afrikan kienet wahda mill-mezzi ta' propaganda favur shubija fl-Unjoni li ntuzat fuq karti mpingija mqassma u li l-awtur taghhom dejjem baqa' anonimu. Wara kollox m'hemm xejn gdid.

Id-definizzjoni tal-kelma dittatur hi xigadd li minhabba pozizzjoni ta' awtorita' jiddetta hu u jiddeciedi arbitrarjament minghajr konsultazzjoni la ma' bord ezekuttiv ecc u lanqas mal-persuna li se terfa' l-piz tad-decIzjoni tieghu.

Min-naha l-ohra, mhux l-ewwel darba li jinholqu konflitti fil-Partit Labuirsta li johorgu sahansitra sal-gazzetti ghas-semplicI raguni li Alfred Sant lhalli lil kulhadd jghid tieghu tant li jinholoq argument kbir u twil li ma jispicca qatt.

Bil-mod kif isiru l-elezzjonijiet interni fil-Partit Laburista mhux l-ewwel darba li jkollna dik li jiena nsejjah "demokrazija zejda". Dan gara, per ezempju, metasaret l-ghazla ghall-kandidati ghall-Parlament Ewropew. Hawnhekk kienet saret ukoll it-tieni elezzjoni nterna li tat cans mill-gdid lil nies godda interessati jikkontestaw.

Fil-fatt dik li jien sejjaht "demokrazija zejda" tista' tidher bhala instabbilita' u dan in-Nazzjonalisti ghamluha politika taghhom li jejhulu "u-turns" u hafna termini ohra.

Min-naha l-ohra l-Partit Nazzjonalista jaghmel hafna mossi li bihom juri kemm ma tezistix demokrazija mhux fit-tmexxija tieghu fal-pajjiz din id-darba Izda fit-tmexxija interna ta' l-istess partit.

La semmejt l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew wiehed ifakkar kif kienu ntghazlu l-kandidati ghall-elezzjoni ghall-Parlament Ewropew fl-2004. Bla ebda elezzjoni. U lanqas ma sar qatt maghruf b'liema kriterji gew maghzulin certi nies u mhux ohrajn.

Izda biex jintefa' iktar melh fuq il-feriti sahansitra anki l-kandidati maghzulin mhux necessarjament ghax kienu l-favoriti, Izda ghax jissodisfaw l-dehra tal-partit. Niftakru fir-rizultat ta' l-elezzjoni fejn kandidat partikulari, Simon Busuttil gab kwazi d-doppju tat-total tal-voti tal-kandidati l-ohra kollha.

Tant li certi kandidati lanqas gabu l-kwota biex jitilghu f'distrett f'elezzjoni generali. U d-diskrepanza kienet tant kbira li mentri Busuttil gab 58,000 vot u fuqhom, it-tieni kandidat elett gab biss 8,782, jigifieri kwazi wiehed minn kull sitta ta' Busuttil.

Dan juri li ghalkemm elezzjoni hija wkoll fortuna u huwa normali li certi mexxejja jappoggjaw certi kandidati itar minn ohrajn donnu l-Partit Nazzjonalista kien appoggja bil-kbir lil Busuttil ghax kieku d-diskrepanza ma kinitx tkun daqshekk kbira.

Fi kliem iehor, fil-prezentazzjoni tieghu tal-kandidati l-PN ikun diga' ghazel, mhux talli l-kandidati, Izda wkoll min se jitla' minnhom.

Dawn fihom infushom huma zewg istanzi fejn Partit Nazzjonalista zgur li ma mexiex sewwa ma' memberi tal-qalba tieghu. Izda dak li gara s-Sibt gheluq in-nominazzjoni tal-kandidati ghall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali jahrab kull irgulija u raguni.

Li membri tal-PN imorru fl-ahhar minuta jirtiraw nomini minn zewg lokalitajiet ma tista' tigl spjegata bl-ebda mod hlief li tant ghandhom qalbhom maqtugha li dik kienet l-unika soluzzjoni li kellhom. Turi wkoll, kif diga ntqal, li l-PN lest li jaghmel minn kollox biex jevita disfatta ohra u juri r-realta' tan-nuqqas ta' popolarita' li qiegħed ikollu Gvern Nazzjonalista. Insejhilha wkoll manuvra tat-tfal ghalkemm skond Gonzi stess saret bi hsieb. Hsieb ta' mohh tat-tfal mela!

Tant gew manipulati dawn il-kandidati li l-Partit Nazzjonalista lanqas ma staha jurihom li mhux talli gew abbuzati biex jikkontestaw bla ma verament emmen fil-kapacitajiet taghhom talli ma hasibhiex darbtejn li jaghzel lil haddiehor arbitrarjament biex jehdilhom posthom.

Izda skond il-Prim Ministru, kollox sar bi hsieb. Ghalhekk il-konsegwenzi li beza' minnhom il-PN jidher li kienu se jkunu ikbar minn dan kollu ghalkemm fil-fehma tieghi jista' jkun li biex jevita t-tagen PN seta' qabez fin-nar.

Pero', li hu zgur, li l-mod kif il-Partit Nazzjonalista qieghed jimxi ma' nies ta' gewwa minn tieghu huwa kundannabbli daqs il-preferenzi li omm tuza bejn uliedha. Izda fuq kollox juri li l-Partit Nazznonalista wasal fl-ahhar.

Meta mexxej ikollu jiehu decizjoni iebsa wara l-ohra iktar u iktar nies ma jibdewx jaccettaw id-decizjonijiet tieghu u l-konvinzjoni tieghu. Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar il-mexxej jiddeciedi li flok joqghod jikkonvinci lil dak u lill-iehor ikun ahjar ghalih li jimponi. Huwa f'dan l-istat li wasal il-Gvern Nazzjonalista, mhux biss mal-poplu li jiggverna, izda wkoll ma' membri qrib tieghu li ghandu responsabbilita' morali ferm lejhom.

Ghal kummenti jew suggerimenti *lornav@onvol.net*